**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015**

**App. Nru. 177/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Emanuel Mifsud, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 46258M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Settembru 2012, għall-ħabta ta' 09:32 am, ġewwa Triq il-Vittmi Furjaniżi tal-Gwerra, Floriana, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-gieħ ta' Martin Degabriele, weġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Mifsud ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €50;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Mifsud ippreżentat fit-22 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tiddeċiedi billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"*5.1 L-Ewwel Aggravju – L-akkuzat kellu jigi liberat fuq kunflitt ta' provi*

"Illi l-appellanti japprezza illi tressqu tlett xhieda illi sostnew illi huwa uza kelma dispreggjattiva fil-konfront ta' Martin Degabriele (annimal). Huwa pero` kategorikament cahad u jibqa' jichad illi huwa qatt uza din il-kelma fil-konfront ta' Martin Degabriele.

"Sfortunatament, xhud okulari indikat mill-appellant meta ghamel ir-rapport tieghu (Johann Spiteri) baqa' mhux notifikat u ghalhekk ma xehedx dakinhar tas-seduta. Din hija hasra ghax filwaqt illi x-xhieda l-ohrajn li tressqu bir-rispett huma t-tnejn impjegati ta' Degabriele, Spiteri huwa dispatcher mal-Arriva, u ghalhekk huwa xhud imparzjali.

"Fi kwalunkwe kaz, pero, ghandu japplika l-principju enuncjat fl-Artikolu 638(2) tal-Kap 9 illi jistabilixxi illi:

"'*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.'*

"F'dan il-kaz, il-Qorti setghet tapprezza illi l-appellant, anke wara domandi serrati mill-Qorti stess cahad ripetutament illi huwa uza xi kliem dispreggjattiv fil-konfront ta' Degabriele.

"Jigi umilment sottomess li ghalhekk l-appellant kellu jigi liberat fuq kunflitt ta' provi.

"*5.2 It-Tieni aggravju – Preskrizzjoni*

"Dato ma non concesso illi tassew l-appellant qal il-kliem allegatament ingurjuz li semmew ix-xhieda, u cioe "Hawnhekk waqaft, annimal?", l-ingurja in kwestjoni qatt ma tista' tammonta ghal ingurja gravi ai termini tal-artikolu 252(1) imma, fl-aghar ipotezi, hija ingurja semplici skond l-artikolu 252(2) jew addirittura kontravenzjoni ai termini tal-Artikolu 339(1)(e).

"Illi dejjem jekk wiehed jaccetta l-verzjoni tal-fatti li ta' Degabriele, huwa car illi l-appellant ma kienx qieghed, nghidu ahna, jxerred xi allegazzjonijiet specifici

dwar il-persuna ta' Degabriele, imma sempliciment uza kelma li tista' titqies offensiva. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza bhal:

- Il-Pulizija (Spettur Noel Falzon) vs Josianne Bonello (Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar, 2003) fejn il-kelma 'pufta' tqieset illi hija ingurja semplici:

"*'Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kelma adoperata mill-appellanti b'mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari u eventi partikolari, "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata, ma tistax titqies bhala ingurja gravi, l-istess bhal ma l-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252.'*

- Il-Pulizija (Spettur M. Sammut) v. Mary Grace Attard, (Qorti tal-Appell, 16 ta' Ottubru, 2003) fejn ghalkemm l-akkuzata kienet ghamlet insinwazjonijiet serji fil-konfront tal-kwerelant, gie meqjus li dawn ma kinux cari u allura l-akkuzata ma setghetx tinstab hatja ta' reat taht is-subartikolu 252(1):

"*'Issa dan hu l-kaz klassiku fejn l-ingurja saret, saret propju bi kliem mhux imfisser car u ghalhekk l-appellanti ma kellhiex tinstab hatja tar-reat kontemplat bis-subinciz (1) tal-artikolu 252 li jikkontempla l-ingurja hekk imsejha popolarment u fic-cerkji legali bhala "gravi", izda ta' ingurja "semplici" kif kontemplat fis-subinciz (2), liema reat hu kompriz u nvolut f'dak li jaqa' taht is-subinciz (1). Ghalhekk dan l-aggravju hu biss in parti gustifikat ghaliex ma ghandux iwassal biex l-appellanti jigi liberat kif issottomettiet fir-rikors tal-appell imma jwassal biex tinstab hatja tar-reat minuri kompriz u involut u allura dan igib li r-raba' aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hu wkoll gustifikat u l-piena trid tkun dik kontemplata ghall-kontravenzjonijiet li skond l-artikolu 7(2) tal-Kap 9 tista' tkun biss id-detenzjoni, l-ammenda w c-canfira w twiddiba. (Ara. Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Josianne Bonello" (16.01.2003).'*

"Dan jimplika illi kellha tapplika l-**preskrizzjoni** ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap 9.

"F'dan ir-rigward l-appellant josserva illi kieku l-fatti imputati lilu kienu jinkwadraw taht l-Artikolu 252(1) il-preskrizzjoni applikabbli kienet tkun dik ta' sentejn. Jigi sottomess pero` illi l-provi mressqa semmai jaqghu taht l-Artikolu 252(2) u ghalhekk japplika ghal dan il-kaz il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tliet xhur ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap 9.

"L-allegata ingurja sehhet nhar-il 11 ta' Settembru 2012 u l-akkuza nharget fl-1 ta' Frar 2013, wara li skada t-terminu ta' tliet xhur u meta l-akkuza kienet waqghet bil-preskrizzjoni.

"*5.3 It-Tielet Aggravju – Piena applikabbli*

"Ghal kull buon fini jinghad illi ghall-istess ragunijiet spjegati aktar il-fuq il-piena applikabbli hija dik prevista ghall-kontravenzjonijiet. Ghalkemm l-ammont li l-appellant gie ordnat ihallas jaqa' fil-parametri tal-"ammenda il-piena giet

indikata bhala "multa" u anke f'dan ir-rigward is-sentenza tal-11 ta' April, ghandha tigi mhassra."

**6.** Dan il-każ jirrigwarda inċident li nqala' fil-11 ta' Settembru 2012 bejn l-appellant, *enforcement officer* ma' Transport Malta, u ċertu Martin Degabriele, direttur tad-ditta Oasis. Jidher illi dakinhar l-imsemmija ditta kienet qed tipprovdi trasport għal xi turisti mill-Valletta Waterfront. Fost dawn it-turisti kien hemm wieħed *disabled* li beda jiġi megħjun biex jitla' f'*mini-van*. F'dak il-ħin tfaċċa l-appellant li, skond **Leanne Borg**, bint Martin Degabriele, beda jirrabja magħhom, jgħidilhom biex iressqu minn fejn kienu weqfin u jgħidilhom li se jħarrikom għax mhux suppost waqfu f'dak il-post. Hija qalet illi missierha beda jgħid lill-appellant biex itihom ċans minħabba l-passiġġier *disabled*. Mistoqsija jekk l-appellant qalx xi ħaġa wara li kellmu missierha, ix-xhud sostniet li "kull ma beda jgħidilna 'ressqu minn hawnhekk għax ħa nħarrikkom, ma tistgħux tieqfu hawnhekk'". Qalet li ma semgħetx kliem ieħor. **Lawrence Borg**, ix-xufier tal-*mini-van*, qal biss li ra lill-appellant u lil Martin Degabriele jillitikaw imma ma semax x'intqal. **Martin Degabriele** xehed li waqt li kien qiegħed jgħin turist li kien bil-*wheelchair* biex jitla' fil-*mini-bus*, l-appellant beda jgħidlu biex ineħħi minn hemm u jgħajjat u ndirizzah bħala "selvaġġ". Ta' min jgħid illi skond **P.S. 728 Brandon Borg**, id-diskors li Martin Degabriele qallu li ntqal mill-appellant kien diskors ieħor. Pero` l-appellant ċaħad li qal id-diskors riferut lil dan ix-xhud.

**7.** Issa, b'referenza għall-ewwel aggravju jingħad illi l-appellant ma xehedx f'dan l-istadju u l-unika verżjoni hi għalhekk dik mogħtija minn Martin Degabriele. Fir-rikors ta' appell tiegħu, l-appellant jgħid illi l-ewwel Qorti setgħet tapprezza illi, anke wara domandi serrati mill-Qorti stess, huwa ċaħad ripetutament illi huwa uża xi kliem dispreġġjattiv fil-konfront ta' Degabriele. Din il-Qorti ma setgħetx tagħmel l-istess apprezzament peress illi l-appellant ma xehedx quddiemha. Fiċ-ċirkostanzi ma tara l-ebda raġuni ma temminx il-verżjoni li ta Martin Degabriele, u cioe` li ntużat kelma li seta' jħoss inġurjuża fil-konfront tiegħu.

**8.** L-appellant instab ħati bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li "[K]ull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa". Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, almenu fl-istat ta' provi li semgħet din il-Qorti, dik il-qorti ma setgħet qatt issib lill-appellant ħati skond din id-disposizzjoni. Issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' April 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella**:

**“Biex ikun hemm ir-reat ta’ ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b’hekk biss jista’ jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata (“with the object of destroying or damaging the reputation of any person”, fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta’ l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.”**

**9.** Il-fatti li rriżultaw f’dan il-każ kienu għalhekk jinkwadraw ruħhom f’dan ir-reat kontravvenzjonali (reat kompriż u involut fir-reat addebitat lill-appellant), u mhux fid-delitt kontemplat fl-artikolu 252 imsemmi. Issa, l-inċident in kwistjoni sehh fil-11 ta’ Settembru 2012. Iċ-ċitazzjoni relattiva ħarġet biss fl-1 ta’ Frar 2013, b’mod li fir-rigward tal-imsemmi reat kontravvenzjonali kienu għaddew it-tliet xhur tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk fir-rigward ta’ tali reat kontravvenzjonali hekk kompriż u involut hemm lok ta’ liberazzjoni fuq il-bażi tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni.

1**0.** Għal dawn il-motivi, tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.